MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 160/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Bone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni (permezz ta’ att ta’ citazzjoni li jgib id-data 28 ta’ Marzu, 2002) migjuba kontra Joseph Bone talli fit-8 ta’ Marzu, 2002 kif ukol fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, meta kien hekk ordnat mill-Qorti, naqas li jaghti lil martu Anna Bone is-somma iffissata minn dik il-Qorti (Prim Awla tal-Qorti Civili) b’digriet datat 9/10/98, bhala manteniment ghaliha fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dak l-ordni, kellu jhallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Bone hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundanntu hmistax-il (15) gurnata detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Joseph Bone, minnu ppresentat fil-5 ta' Lulju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li s-sentenza ta' l-ewwel qorti ma kienitx motivata, b'mod ghalhekk li hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali. Dan l-aggravju huwa wiehed altament fieragh. Apparti dak li jipprovdi l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 – u fil-maggoranza tal-kawzi sommarji dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu jammonta ghal motivazzjoni sufficjenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi – l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, mhux biss immotivat is-sentenza b'aktar minn dak rikjest mill-imsemmi artikolu, izda kkunsidrat ukoll il-punti ta' ligi sollevati mill-appellant (allura imputat) bin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tad-19 ta' Gunju, 2002 u cioe` l-eccezzjonijiet tan-*ne bis in idem* u tan-nullita` tac-citazzjoni. A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti ser tirriproduci dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel qorti fejn din irrespingiet dawn l-eccezzjonijiet u ghaddiet biex ssib htija skond il-ligi. Qabel dan il-bran, hemm parti ohra tas-sentenza fejn tissemma' l-imputazzjoni, fejn hemm sintetizzati l-provi, kif ukoll fejn hemm indikazzjoni ta' l-operat ta' dik il-qorti fir-rigward tal-kawza odjerna. Il-bran li trid taghmel referenza ghalih din il-Qorti huwa s-segwenti:

**"Illi bir-rispett kollu is-sentenza tal-24 ta' Ottubru, 2001[1] kienet tirrispekkja akkuza ghan-nuqqas ta' hlas**

[1] Il-gudikat li l-appellant kien qed igib 'l quddiem in sostenn tal-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*.

**ta' manteniment ghar-rigward il-periodu ta' 31 ta' Awissu, 2001 u l-ahhar xhur ta' qabel.**

**"Illi l-ahhar xhur ta' qabel dejjem gie interpretat minn dawn il-Qrati fl-ambitu ta' offizi kontravvenzjonali bhala periodu preciz, u cioe` dak ta' tlett xhur qabel id-data imsemmija fl-avviz.**

**"Illi l-akkuza odjerna tirrispekkja allegat nuqqas ta' hlas ta' manteniment fit-8 ta' Marzu, 2002 u ix-xhur ta' qabel u ghaldaqstant minn Dicembru, 2001.**

**"Illi ghaldaqstant huwa evidentissimu li d-difiza tan-*ne bis in idem* ma treggix.**

**"Illi ghar-rigward tat-tieni materja sollevata mid-difiza u cioe` n-nullita` tac-citazzjoni il-ghaliex ma ghandhiex il-fatti rikjesti ai termini tal-Art. 360(2), din il-Qorti ma tarax kif tista' takkolji din l-eccezzjoni meta c-citazzjoni odjerna tat-il-partikolaritajiet u l-fatti kollha illi huma rikjesti fic-citazzjoni li mhu xejn hlief *avviso da comparire* skond il-gurisprudenza nostrali [taghna].**

**"Illi fis-sustanza l-imputat ma intavola ebda difiza ghad-decizzjoni tieghu illi ma jaghti lil martu ebda manteniment.**

**"Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti issib lill-imputat hati skond l-akkuza. Rat l-Art. 338(z) u Art. 7(2)(a) tal-Kap. 9, u tikkundannah ghal hmistax-il gurnata detenzjoni."**

Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant qed jippretendi li l-ewwel qorti ma immotivatx id-decizzjoni taghha. Forsi l-appellant b'"motivazzjoni" qed jifhem li l-ewwel qorti kellha taghmel xi trattat shih jew esposizzjoni akkademika dwar in-*ne bis in idem* u dwar in-nullita` tac-citazzjonijiet. Frankament din il-Qorti hi tal-fehma li dana l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa altament fieragh, kif diga inghad; u in kwantu dana l-aggravju jista' jiftiehem bhala t-tqanqil ta' kwistjoni fit-termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu

4(3) tal-Kap. 319, dina l-Qorti qed tiddikjara t-tqanqil ta' tali kwistjoni bhala semplicement frivola u vessatorja.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu li c-citazzjoni kienet nulla peress li ma kienx fiha r-rekwiziti skond il-ligi, u b'mod partikolari ma kienx fiha zmien jew data specifika. L-appellant jerga' wkoll jissolleva l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*. Din il-Qorti, pero`, ma tara li ghandha ghalfejn izzid xejn ma dak li qalet l-ewwel qorti fir-rigward ta' dawn il-punti ta' ligi. Anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-hmistax-il jum zmien koncess ghall-pagament skond l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali (cirkostanza li ma ssemmietx espressament fis-sentenza appellata, ghalkemm tissemma' fl-imputazzjoni), il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti hija identika ghal dik ta' l-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh, Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' mitt lira (Lm100), konvertibbli f'ghoxrin gurnata detenzjoni jekk l-ammenda ma tithallasx skond il-ligi.

Aldo Testone
Asst. Registratur